**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Jannar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1154/2011 AF**

**Millennium Insurance Agency Limited (C-23927) bhala rapprezentant lokali u ghan-nom ta' Lloyds Underwriters b'Syndicates "Brit" (2987) "Kiln" (510), "Travelers" (5000) u "Jubilee" (5820)**

**u**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) f'isimhom proprio u kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurati taghhom Nuchtech Company Limited u l-Gvern ta' Malta sija bil-polza u bil-ligi u l-istess assigurata hawn imsemmija Nuchtech Company Limited kif debitament rappresentata, din tal-ahhar, mill-imsemmija Millennium Insurance Agency Limited**

**vs**

**Salvu Abdilla**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti jassiguraw il-mobile container/vehicle inspection system (scanner – mudell MT 1213LH taht polza numru E2500241), proprjetà tas-socjetà Nuchtech Company Limited u l-Gvern ta' Malta li fl-24 ta' Novembru 2009 sofriet hsara estensiva b'konsegwenza tal-fatt li giet investita minn truck tal-marka Volvo bin-numru PHQ-002 misjuq mil-intimat waqt li dan kien fil-groupage terminal f'Hal Far.

B'rizultat tal-poloz ta' assikurazzjoni vigenti, is-socjetajiet rikorrenti assikuraturi, ugwalment bejniethom, hallsu lill-assikurat taghhom Nuchtech Company Limited is-somma globali ta' €51,777.52 u ghalhekk huma surrogati fid-drittijiet tal-assikurati taghhom skond ma jirrizulta ukoll mis-surroga debitament iffirmata.

Is-socjetajiet rikorrenti assikuraturi, ugwalment bejniethom, nefqu wkoll is-somma ta' €8,837.80 f'survey fees.

Ghal dan l-incident jahti biss l-intimat li kien qed isuq l-istess vettura u dan minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parte tieghu.

Is-socjetà assikurata hallset de proprio is-somma ta' €6000 fir-riparazzjonijiet necessarji bhala eccess.

L-intimat ghalkemm interpellat sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parte tieghu;

2. Tillikwida d-danni u spejjez sofferti mis-socjetajiet rikorrenti fis-somma globali ta' sitta u sittin elf, sitt mija u hmistax-il Ewro u tnejn u tletin centezmu (€66,615.32) jew somma verjuri, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, kwantu ghal €51,777.52 lis-socjetajiet assikuraturi rikorrenti ugwalment bejniethom u kwantu ghal €6000 lil Nuchtech Company Limited kif rappresentata minn Millennium Insurance Agency Limited u kwantu ghal €8,837.80 lis-socjetà Millennium Insurance Agency Limited f'survey fees;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-istess danni u spejjes hekk likwidati lis-socjetajiet rikorrenti;

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-imghax mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-assigurazzjoni tal-intimat GasanMamo Insurance Limited. L-intimat jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Salvu Abdilla li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament in-nullità ta' dawn il-proceduri stante li s-socjetajiet rikorrenti ma ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri billi ma gabu l-ebda prova tas-surroga u rappresentanza taghhom u dan di più meta wkoll ma gabu l-ebda prova lil min jappartjeni u minn huwa l-propjetarju tal-mobile container / vehicle inspection system (Scanner – mudell MT 1213LH).

Fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, huwa minnu illi fl-24 ta' Novembru 2009 waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura Volvo numru PHQ 002 gewwa Hal Far huwa kien involut f'incident tat-traffiku ma' mobile container / vehicle inspection system (scanner).

Ma huwiex minnu li dan l-incident gara tort u htija tal-esponenti, kif qed jallegaw is-socjetajiet rikorrenti, billi l-esponenti nghata istruzzjonijiet minn ufficjali biex isuq it-truck tieghu 'l quddiem bir-rizultat li gara l-incident in kwistjoni u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar tul il-mori tal-kawza.

Ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub in linea ta' danni mis-socjetajiet rikorrenti huma esagerati ghal kollox.

In vista tas-suespost, it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fl-24 ta' Novembru 2009 u ċioè l-kolliżjoni bejn il-*container* tal-marka Volvo bin-numru ta' reġistrazzjoni PHQ 002 misjuq mill-konvenut u l-*mobile container/vehicle inspection system* (*scanner* mudell MT 1213LH), u konsegwentament tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni lill-istess rikorrenti.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-inċident seħħ fl-24 ta' Novembru 2009 għall-ħabta tal-4.30 ta' wara nofsinhar fil-Ħal Far Groupage Complex fejn l-uffiċjali tad-dwana Mario Cini u Christopher Galea kienu qegħdin fuq xogħolhom iħaddmu *mobile scanner*. Dan il-*mobile scanner* kien jaħdem billi jidħol *container* tal-merkanzija taħt *mechanical arm* oriżżontali u l-*iscanner* jimxi mal-*container* sabiex isir *scanning* tal-merkanzija.

Dakinhar tal-inċident, kien hemm mal-*mobile scanner* l-imsemmija żewġ uffiċjali tad-dwana. Minkejja li normalment is-sistema titħaddem minn erba' persuni li huma responsabbli wkoll għall-immaniġġjar tas-sit, dak il-ħin tal-inċident kienu preżenti biss fil-kumpless iż-żewġ uffiċjali msemmija.

Jirriżulta mill-provi li l-*mobile scanner* kien jitħaddem bejn it-8 ta' filgħodu u l-4.30 ta' wara nofs inhar. Il-proċedura tal-*iscanning* taħdem billi l-*container* jitressaq viċin l-*iscanner* u jieqaf taħt *mechanical arm* orizzontali biex imbagħad l-*iscanner* jimxi mal-*container*. Jirriżulta li dak inhar tal-inċident, il-konvenut, li kien qiegħed isuq *container* tal-marka Volvo bin-numru ta' reġistrazzjoni PHQ 002, wasal fil-kumpless għall-ħabta tal-4.30 ta' wara nofsinhar. Dak il-ħin, l-uffiċjal Mario Cini kien diġà beda jżarma l-*iscanner* u dan billi għalaq il-*mechanical arm* vertikali tal-*iscanner* sabiex tiġi taħt dik orizzontali u ċioè billi tal-ewwel tieqaf taħt tat-tieni. Dak il-ħin il-*mobile scanner* ma kienx qiegħed fuq *gear* u lanqas kellu *breaks* attivati. L-inċident seħħ meta l-konvenut prova jimmanuvra l-*container* li kien qiegħed isuq taħt il-*mechanical arm* orizzontali tal-i*scanner* però peress illi Mario Cini kien diġa tella l-*mechanical arm* vertikali, il-konvenut laqat l-*iscanner* bl-għoli tal-*container*. Kawża tal-kolliżjoni, il-*container* misjuq mill-konvenut kaxkar il-*mobile scanner* għal diversi metri.

Xhieda għall-inċident kienu biss il-konvenut u l-uffiċjal tad-dwana Christopher Galea in kwantu li l-uffiċjal Mario Cini kellu daru lejn il-*container* misjuq mill-konvenut peress li kien qiegħed jitfi l-*iscanner* mill-*control panel*.

Il-konvenut ressaq eċċezzjoni ta' natura preliminari, senjatament in-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti fil-proċeduri *de quo*. In kwantu li din l-eċċezzjoni ġiet irtirata permezz ta' nota fl-atti tal-kawża datata 19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Fil-mertu, il-konvenut eccepixxa li l-inċident mertu tal-kawża ma seħħx tort tiegħu imma li huwa ngħata struzzjonijiet mill-uffiċjal tad-dwana sabiex jipproċedi billi jsuq il-*container* tiegħu 'l quddiem bir-riżultat li seħħ l-inċident. Huwa eccepixxa wkoll

illi l-ammont mitlub in linea ta' danni huwa għal kollox eżaġerat.

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 jipprovdi espressament "*illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*". Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 imbagħad, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Il-konvenut jinsisti li meta wasal fil-kumpless, l-uffiċjal Christopher Galea qallu li jista' jipproċedi bil-mod lejn l-*iscanner* u fil-fatt huwa hekk għamel sabiex isir l-*iscanning* tal-merkanzija li kien qiegħed iġorr. Dak inhar tal-inċident huwa kien diġà mar fil-kumpless tlett darbiet oħra bil-merkanzija. Da parti tiegħu, l-uffiċjal Christopher Galea jgħid illi filwaqt li lill-konvenut ma kellmux, huwa għamillu sinjal sabiex jipproċedi fil-kumpless bil-mod u li qabel ma kellu ċans javża lill-kollega tiegħu Mario Cini, seħħ l-impatt bejn il-*container* misjuq mill-konvenut u l-*mobile scanner*.

Fid-dawl tal-fatt illi l-partijiet ma jaqblux fil-verżjonijiet tagħhom dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni, jeħtieġ illi l-Qorti tanalizza l-provi miġjuba a bażi ta' kriterji oġġettivi kif ukoll il-konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda sabiex tiddetermina l-kawża prossima tal-inċident.

Fid-dikjarazzjoni li rrilaxxa lill-pulizija ftit tal-ħin wara l-inċident, il-konvenut spjega li huwa daħal fil-kumpless u staqsa lill-uffiċjal Christopher Galea jekk jistax jgħaddi u dan tal-aħħar qallu sabiex jgħaddi bil-mod, kif fil-fatt għamel, u li f'daqqa waħda ħass daqqa mas-saqaf tal-*container*. Għalhekk, waqaf fil-pront u kif ħareġ mill-kabina huwa nduna li kien laqat l-*iscanner* bl-għoli tal-*container*. Il-Qorti tinnota li l-konvenut baqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ l-inċident *de quo*.

Da parti tiegħu, fid-dikarazzjoni li rrilaxxa lill-pulizija wkoll a tempo vergine, l-uffiċjal Christopher Galea spjega li waqt li l-uffiċjal Mario Cini kien qiegħed iżarma l-*iscanner* u hu kien fit-tarf l-ieħor tal-kumpless, wasal il-*container* misjuq mill-konvenut li staqsih jekk jistax jgħaddi, u li huwa qallu sabiex jidħol bil-mod. Huwa kompla billi qal li sakemm dar sabiex javża lill-kollega tiegħu Mario Cini li kien riesaq lejh il-*container* misjuq mill-konvenut, il-*container* laħaq wasal mal-*iscanner* u seħħ l-inċident. Il-Qorti tinnota li s-surġent Mario Mercieca xehed fil-mori ta' dawn il-proċeduri u kkonferma li din kienet l-istqarrija li għamel l-uffiċjali Christopher Galea dakinhar tal-inċident.

Jirriżulta għalhekk illi l-uffiċjal Christopher Galea ibiddel il-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ l-inċident in kwantu li fil-proċeduri tal-lum huwa xehed illi lill-konvenut għamillu sinjal sabiex jgħaddi bil-mod u mhux illi kellmu. Huwa rilevanti għalhekk dak illi qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Andrew Ciantar vs Joseph Coleiro tat-13 ta' Lulju 2001:

> *"il-verzjoni li s-sewwieq jaghtu lis-Surgent 'a tempo vergine' hija l-iktar wahda kredibbli ghaliex tinghata spontanjament minghar ma s-sewwieq jkollhom cans jahsbu, jintebhu b'certu affarijiet, jitkellmu ma' terzi u konsegwentement ivarjaw il-verzjoni taghhom kif jaqblilhom."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-inċident seħħ peress illi l-uffiċjal Mario Cini kien laħaq għalaq il-*mechanical arm* vertikali tal-*iscanner* u allura l-għoli tal-*iscanner*, li normalment tkun ta' 4.6 metri, ġiet imnaqqsa għal 4 metri b'dan illi l-*container* misjuq mill-konvenut ma kellux biżżejjed għoli sabiex jgħaddi.

Ir-rikorrenti jikkontendu li dan l-inċident seħħ riżultat tat-traskuraġni, imperizja u negliġenza tal-konvenut. Da parti tiegħu, il-konvenut jikkontendi li l-inċident ma seħħx tort tiegħu in kwantu li huwa sempliċiment segwa l-istruzzjonijiet li ngħata mill-uffiċjali tad-dwana.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti f'din il-kawża u ssib illi m'hijiex sodisfatta li għall-inċident *de quo* jaħti l-konvenut. M'huwiex kontestat illi dak il-ħin tal-inċident l-uffiċjali tad-dwana kienu qegħdin iżarmaw l-apparat, u l-uffiċjal Christopher Galea jikkonferma li ma kienx ser isir aktar *scanning* ta' merkanzija dakinhar. In kwantu li l-*iscanner* ma kienitx qiegħda topera, l-uffiċjali tad-dwana kien imisshom ħadu ħsieb illi *containers* ma jkollhomx aċċess iżjed għal dik il-parti tal-kumpless fejn isir l-*iscanning*. Il-partijiet ma jaqblux fil-verżjoni tagħhom dwar il-komunikazzjoni li seħħet bejn Christopher Galea u l-konvenut ftit tas-sekondi qabel ma seħħ l-inċident. Madanakollu, anke li kieku l-Qorti kellha taċċetta l-verżjoni tal-uffiċjal tad-dwana u ċioè li huwa għamel sinjal lill-konvenut sabiex jgħaddi bil-mod, baqa' mhux spjegat għalfejn il-konvenut ingħata permess sabiex jipproċedi lejn l-*iscanner* meta dan kien fil-proċess li jiġi żarmat. Is-sistema li kienet qiegħda titħaddem dakinhar ma kienitx tajba għaliex il-konvenut qatt ma missu ġie awtorizzat jipproċedi viċin tal-*iscanner* ladarba ma kienx ser isir aktar *scanning* dakinhar.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-*iscanner* kien għad kellu dawl jixghel aħdar. Huwa veru li l-uffiċjali tad-dwana jgħidu li dan id-dawl sempliċiment jindika minn liema naħa jsir l-*iscanning*, imma l-Qorti ssib illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ dan id-dawl aktar u aktar fixkel lill-konvenut li kien diġà ngħata permess sabiex jipproċedi lejn l-*iscanner*.

L-uffiċjal Mario Cini jikkonferma li l-*iscanner* kien ġdid u li kienu ilhom biss ftit tax-xhur joperaw mill-kumpless meta seħħ l-inċident. Huwa żied jgħid illi ma jkun hemm ħadd mal-entratura tal-kumpless sabiex jikkontrolla min jersaq lejn l-*iscanner*. Huwa rilevanti wkoll illi filwaqt li normalment ikunu erba' uffiċjali fuq il-post sabiex iħaddmu l-*iscanner* u jidderiġu l-*containers* li jidħlu fil-kumpless, dak il-ħin li seħħ l-inċident kienu biss tnejn.

L-uffiċjal Christopher Galea ukoll jispjega li kienu ilhom biss ftit ġimgħat joperaw dan l-*iscanner* mill-kumpless ta' Ħal Far. Huwa jikkonferma li kien wasal il-ħin sabiex iżarmaw l-*iscanner* u allura l-Qorti hija perplessa kif huwa għamel sinjal jew qal lill-konvenut li jista' jgħaddi. Ma jirriżultax illi huwa kien taħt l-

impressjoni li l-konvenut kien sejjer x'imkien ieħor u mhux lejn l-*iscanner*.

L-istess Christopher Galea jispjega proprju hekk dwar l-operat tagħhom dakinhar: *'Dak inhar kien kollox makeshift u fil-fatt kont iddubbajt żewġ tankijiet li tpoġġew fl-entratura tal-area li konna qed noperaw minnha.'* Minn din l-ispjegazzjoni huwa ċar li l-uffiċjali ma kinux orġanizzati fil-mod illi jidderiġu s-sewwieqa tal-*containers* li jidħlu fil-kumpless.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn kollha huma fatturi li kkontribwew għall-inċident u l-ebda waħda minnhom ma hija attribwibbli lill-konvenut. Ċertament ma jirriżultax li l-konvenut naqas milli jżomm '*a proper lookout*' jew b'xi mod kien traskurat fis-sewqan tiegħu kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti. '*A proper lookout*' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli jew aħjar '*in plain view*'. It-teżi tar-rikorrenti hija li l-konvenut kellu jkun jaf illi l-*container* ma setax jgħaddi meta l-*mechanical arm* vertikali tal-*iscanner* tkun magħluqa taħt dik orizzontali. Madanakollu, huma ma ressqu l-ebda prova sodisfaċjenti f'dan is-sens. Filwaqt illi huwa veru li fl-affidavit tiegħu l-konvenut jispjega li minn għoli ta 4.6 metri, bil-*mechanical arm* vertikali magħluqa taħt dik orizzontali l-għoli naqas għal 4 metri, ma jfissirx b'daqshekk illi huwa kien jaf b'dan kollu dak il-ħin qabel seħħ l-inċident għaliex naturalment ma kienx jipprova jgħaddi.

Ir-rikorrenti naqqsu wkoll milli jressqu prova li l-konvenut kien jaf illi ma kienx ser isir aktar *scanning* dakinhar. Kif diġà intqal, jirriżulta verosimili li kien l-uffiċjal tad-dwana li ta struzzjonijiet ħżiena lill konvenut u għalhekk, il-konvenut ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jaħseb illi l-*iscanner* kien qiegħed fil-proċess li jiġi żarmat.

Lanqas ma ġie pruvat illi l-konvenut kien qiegħed isuq b' veloċità eċċessiva. Fis-sottomissjonjiet tagħhom ir-rikorrenti jikkontendu li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva tant illi mad-daqqa l-*iscanner* mexa diversi metri. Madanakollu, il-Qorti ssib illi dan seta' ġara għaliex dak il-ħin tal-inċident l-*iscanner* la kien *in gear* u lanqas kellu l-*brakes* attivati. Isegwi għalhekk li l-fatt waħdu li l-*iscanner* iċċaqlaq

diversi metri m'huwiex indikattiv ta' sewqan b'veloċità eċċessiva.

Għalhekk, il-Qorti ssib illi l-kawża prossima tal-inċident kienu l-istruzzjonijiet ħżiena li ngħataw lill-konvenut, in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-uffiċjali tad-dwana stess u n-nuqqas tal-istess uffiċjali fl-organizzazzjoni tal-kumpless u fil-proċeduri li għandhom jiġu segwiti biex sewwieqa ta' *containers* jersqu lejn u jgħaddu minn taħt l-*iscanner*. Relatat ma din tal-aħħar kien il-fatt illi s-sistema kienet għadha ġdida u allura l-uffiċjali ma kienux ghadhom kisbu esperjenza xierqa fl-immaniġġjar tas-sit. Inoltre, kienu biss żewġ uffiċjali preżenti dak il-ħin tal-inċident minflok erbgha.

Fis-sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jikkontendu li l-konvenut kellu jsejjaħ fil-kawża lill-uffiċjal tad-dwana li jgħid li tah struzzjonijiet sabiex jgħaddi lejn l-*iscanner*. Filwaqt illi huwa minnu li l-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda ħtija fuq terz meta jonqos li jsejjaħ lil tali persuna fil-kawża, din il-Qorti ssib illi l-konvenut ma jaddebitax ħtija fuq l-uffiċjal tad-dwana in kwistjoni per se, imma huwa sempliċiment jiddefendi ruħu billi jgħid illi l-inċident seħħ riżultat ta' struzzjonjiet li ngħata dak inhar. Peress illi l-Qorti tqis li din id-difiża hija waħda tajba, allura ma hemm xejn xi jwaqqaf lill-Qorti milli tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu ladarba hija sodisfaċentement pruvata.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut in kwantu li din ġiet irtirata fil-mori tal-kawża, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG